MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 4/2006

**Media & Graphic Services Limited (C5390)**

**Vs**

**Crown Hotels Limited (C22101)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Dicembru 2005, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, tliet mija u tliet Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1303.95), ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ta' l-istess socjeta` attrici pprezentata fis-seduta tat-28 ta' Frar 2006 li permezz taghha l-ammont mitlub gie ridott ghal disa` mija u tliet Liri

Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm903.95), stante pagament fil-mori tal-kawza;

Ra x-xhieda ta’ Adriana Runza in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u d-dokument minnha esebit (DOK AR1);

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disa’ mija u tliet Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm903.95), bl-ispejjez kollha u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------